



Kunsill Ewropew

Brussell, 15 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

EUCO 34/22

CO EUR 29
CONCL 7

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (15 ta' Diċembru 2022) – Konklużjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

I. UKRAJNA/RUSSJA

1. Il-Kunsill Ewropew itenni l-kundanna qawwija tiegħu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.
2. Jafferma mill-ġdid l-appoġġ sħiħ tal-Unjoni għall-indipendenza, is-sovraniità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fi ħdan il-fruntieri rikonoxxuti internazzjonalment tagħha, kif ukoll għad-dritt inerenti tal-Ukrajna li tiddefendi ruħha kontra l-aggressjoni Russa.
3. L-Unjoni Ewropea tibqa' impenjata li tipprovdi appoġġ politiku u militari lill-Ukrajna, b'mod partikolari permezz tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi u l-Missjoni ta' Assistenza Militari tal-UE b'appoġġ għall-Ukrajna, u billi żżid l-għoti bilaterali ta' appoġġ, b'mod partikolari kapaċitajiet ta' difiża tal-ajru u assistenza għat-tneħħija tal-mini.
4. Il-kampanja li għaddejja bħalissa tar-Russja ta' attakki sistematiċi bil-missili kontra ċivili Ukreni, oġġettivi ċivili, l-infrastruttura tal-enerġija u utilitajiet oħrajn, biex tikkawża aktar tbatija lill-poplu Ukren, hija delitt li għalih ma jista' jkun hemm l-ebda impunità. Din trid tieqaf. Il-Kunsill Ewropew jappella lis-sħab internazzjonali kollha biex jagħmlu appelli simili u jeżerċitaw l-influwenza tagħhom għal dan l-għan. Il-Kunsill Ewropew jappella wkoll lir-Russja biex twaqqaf immedjatament l-azzjonijiet li jipperikolaw is-sikurezza u s-sigurtà tal-faċilitajiet nukleari ċivili u jissottolinja l-appoġġ sħiħ tal-Unjoni Ewropea għall-ħidma tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika.

5. L-Unjoni Ewropea ser tintensifika b'mod urġenti l-ġħoti ta' assistenza umanitarja u ta' protezzjoni ċivili lill-Ukrajna, inkluż in natura, u tassisti fir-restawr tal-infrastruttura kritika tal-Ukrajna biex tgħin lill-Ukrajna tkampa matul ix-xitwa. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Bank Ewropew tal-Investment, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u l-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali, iżid l-appoġġ tiegħu għall-ħtiġijiet l-aktar urġenti tal-infrastruttura tal-Ukrajna. Il-Kunsill Ewropew jistieden ukoll lill-Kummissjoni tintensifika l-koordinazzjoni mal-industrija Ewropea u s-sħab internazzjonali biex tingħata provvista li tista' tiġi sostnuta ta' tagħmir ta' prijorità lill-Ukrajna bħal stazzjonijiet ta' tisħin mobbli, ġeneraturi tal-enerġija, transformers tal-enerġija, u tagħmir ta' vultaġġ ġħoli u tad-dawl. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-eżitu tal-konferenza ta' Pariġi dwar ir-reżiljenza u r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna fit-13 ta' Diċembru 2022.
6. L-Unjoni Ewropea ser iżżomm ukoll l-appoġġ tagħha għall-persuni spostati, kemm fl-Ukrajna kif ukoll barra minnha. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Istati Membri jintensifikaw l-ippjanar ta' kontinġenza, bl-appoġġ tal-Kummissjoni.
7. L-Unjoni Ewropea tibqa' kommissa li ttipprovdi, flimkien mas-sħab, sokkors finanzjarju lill-Ukrajna, u li tappoġġa r-reżiljenza u r-rikostruzzjoni fit-tul tagħha. F'dak il-kuntest, l-Unjoni Ewropea qablet li ttipprovdi EUR 18-il biljun f'assistenza lill-Ukrajna fl-2023. Il-Kunsill Ewropew jilqa' bi pjaċir il-ftehim tal-G7 biex tiġi stabbilita Pjattaforma għall-Koordinazzjoni tad-Donaturi b'diversi aġenziji.

8. Il-Kunsill Ewropew jilqa' bi pjaċir l-isforzi biex jiġi żgurat li tintrefa' r-responsabbiltà sħiħa għad-delitti tal-gwerra u d-delitti l-oħra l-aktar serji b'rabta mal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, inkluż modi biex jiġi żgurat li tintrefa' r-responsabbiltà għad-delitt ta' aggressjoni, u jinkoraġġixxi aktar sforzi bħal dawn. Huwa jissottolinja l-appoġġ tal-Unjoni għall-investigazzjonijiet mill-Prosekutur tal-Qorti Kriminali Internazzjonali. Il-Kunsill Ewropew qies ukoll il-possibbiltajiet li jintużaw assi ffriżati biex tiġi appoġġata r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna u għall-finijiet ta' reparazzjoni. Huwa jistieden lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kunsill jimxu 'l quddiem fil-ħidma, f'konformità mad-dritt tal-UE u dak internazzjonali, filwaqt li jisħaq li l-prosekuzzjoni tad-delitt ta' aggressjoni tikkonċerna lill-komunità internazzjonali kollha kemm hi.
9. Il-Kunsill Ewropew itenni li huwa lest jappoġġa l-inizjattiva tal-Ukrajna għal paċi ġusta. Sal-lum, ir-Russja ma wriet ebda rieda ġenwina fir-rigward ta' paċi ġusta u sostenibbli.
10. Il-Kunsill Ewropew iddiskuta kif tista' tkompli tiżdied il-pressjoni kollettiva fuq ir-Russja biex ittemm il-gwerra ta' aggressjoni tagħha u tirtira t-truppi tagħha mill-Ukrajna. Huwa jilqa' bi pjaċir it-tisħiħ tal-miżuri restrittivi tal-UE kontra r-Russja, inkluż permezz tad-disa' pakkett ta' miżuri restrittivi tal-UE u l-limitu massimu internazzjonali tal-prezz taż-żejt, filwaqt li jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni globali. L-Unjoni Ewropea tinsab lesta li tkompli ssaħħa il-miżuri restrittivi. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza li tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva u li tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni u l-faċilitazzjoni tagħha. Itenni l-appell tiegħu lill-pajjiżi kollha biex jallinjaw ruħhom mas-sanzjonijiet tal-UE.
11. Il-Kunsill Ewropew itenni l-kundanna tiegħu tal-appoġġ militari għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja pprovdut mill-awtoritajiet Iranjani, li jrid jieqaf. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew jilqa' s-sanzjonijiet tal-UE adottati fit-12 ta' Diċembru 2022.
12. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tagħti l-appoġġ rilevanti kollu lir-Repubblika tal-Moldova hekk kif tħabbat wiċċha mal-impatt multidimensjonali tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, b'mod partikolari fir-rigward tas-sigurtà tal-enerġija.

13. Fil-kuntest tat-tisħiħ tas-sigurtà globali tal-ikel, il-Kunsill Ewropew jissottolinja wkoll l-importanza tal-Korsiji ta' Solidarjetà, u tal-użu tal-potenzjal sħiħ tagħhom, u tal-Inizjattiva tan-NU tal-Baħar l-Iswed dwar iċ-Ċereali u l-programm "Grain from Ukraine", filwaqt li jisħaq fuq il-ħtieġa li jkomplu jiġu żgurati d-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-prodotti agrikoli u l-fertilizzanti.

II. ENERĠIJA U EKONOMIJA

14. Il-Kunsill Ewropew irrieżamina l-progress fuq l-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tiegħu ta' Ottubru 2022.
15. Il-Kunsill Ewropew jilqa' bi pjaċir il-progress li sar u jappella lill-Kunsill biex fid-19 ta' Diċembru 2022 jiffinalizza l-ħidma tiegħu fuq il-proposti għal Regolament tal-Kunsill li jsaħħaħ is-solidarjetà permezz ta' koordinazzjoni aħjar tax-xiri tal-gass, b'mod partikolari permezz tal-Pjattaforma tal-UE għax-Xiri tal-Enerġija, tal-iskambji transfruntieri tal-gass u parametri referenzjarji affidabbli tal-prezzijiet, Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas biex jitħaffef il-varar tal-enerġija rinnovabbli u Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' korrezzjoni tas-suq biex jipproteġi liċ-ċittadini u lill-ekonomija kontra prezzijiet eċċessivament għoljin.
16. Fid-dawl tal-istaġuni tal-mili tal-ħżin u tat-tisħin li jmiss, il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza li tissaħħaħ il-koordinazzjoni. B'mod partikolari, għandha tkompli l-ħidma fuq il-linji li ġejjin:
- a) l-operazzjonalizzazzjoni rapida tal-aggregazzjoni tad-domanda għall-gass u tal-mekkaniżmu ta' xiri konġunt permezz tal-Pjattaforma tal-UE għax-Xiri tal-Enerġija, kif ukoll l-aċċellerazzjoni tad-diskussjoni ma' sħab affidabbli biex tiġi żgurata l-provvista tal-gass għax-xitwa 2023/2024 bil-ħsieb li jiġu konklużi kuntratti fit-tul;
 - b) mili effiċjenti ta' faċilitajiet ta' ħżin tal-gass u monitoraġġ mill-qrib tat-trajettorji għall-mili;
 - c) monitoraġġ mill-qrib tal-oġġettivi ta' tnaqqis fid-domanda għall-gass;
 - d) tħejjija bikrija tal-pjanijiet ta' kontinġenza għax-xitwa 2023/2024.

17. Il-Kunsill Ewropew jappella għall-finalizzazzjoni rapida tad-diskussjonijiet dwar id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli, id-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija u d-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija.
18. Il-Kunsill Ewropew itenni l-importanza li jiżdied l-investment fl-innovazzjoni, fl-infrastruttura u l-interkonnessjonijiet, fil-ħżin, fl-enerġija rinnovabbli u fi proġetti ta' effiċjenza fl-enerġija, sabiex titneħħa gradwalment id-dipendenza tal-Unjoni fuq il-fjuwils fossili mir-Russja, titħaffef it-tranżizzjoni ekoloġika u tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista.
19. Il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess il-proposta u l-valutazzjoni tal-impatt dwar ir-riforma strutturali tas-suq tal-elettriku tal-UE, inkluż dwar l-effett tal-prezzijiet tal-gass fuq il-prezzijiet tal-elettriku, bl-għan li s-suq tal-elettriku jsir kompletament adatt għal sistema tal-enerġija dekarbonizzata u li jiġi faċilitat l-użu tal-enerġija rinnovabbli, li għandhom jiġu ppreżentati mill-Kummissjoni kmieni fl-2023.
20. Fid-dawl tal-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija fl-Ewropa, il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza li tiġi ssalvagwardata l-bażi ekonomika, industrijali u teknoloġika tal-Ewropa u li jiġu ppreservati l-kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni globali. Jissottolinja b'mod partikolari l-importanza fil-kuntest dinji attwali ta' politika industrijali Ewropea ambizzjuża biex l-ekonomija tal-Ewropa ssir adatta għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi, b'mod partikolari fl-aktar oqsma sensittivi, filwaqt li jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. F'dak il-kuntest, il-Kunsill Ewropew ifakkar fil-ħtieġa għal rispons koordinat biex tissaħħaħ ir-reżiljenza ekonomika tal-Ewropa u l-kompetittività dinjija tagħha, filwaqt li tiġi ppreservata l-integrità tas-Suq Uniku. F'dan ir-rigward u biex jingħata rispons għall-prezzijiet għoljin tal-enerġija, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni twettaq analiżi u tagħmel proposti sal-aħħar ta' Jannar 2023 bil-ħsieb li jiġu mmobilizzati l-għodod kollha rilevanti nazzjonali u tal-UE kif ukoll jittejjbu l-kondizzjonijiet ta' qafas għall-investment, inkluż permezz ta' proċeduri amministrattivi simplifikati.

21. Il-Kunsill Ewropew jisħaq fuq l-importanza ta' koordinazzjoni mill-qrib u ta' soluzzjonijiet komuni fil-livell Ewropew, fejn ikun xieraq, u jistieden lill-Kunsill u lill-Grupp tal-Euro jissorveljaw mill-qrib l-iżviluppi ekonomiċi u jsaħħu aktar il-koordinazzjoni, sabiex jingħata rispons ta' politika determinat u aġli.
22. Minbarra miżuri fuq perjodu qasir, l-Unjoni Ewropea jeħtieġ li tindirizza l-isfidi fit-tul, b'mod partikolari d-diskrepanza fit-tkabbir u l-innovazzjoni bejn l-Ewropa u l-kompetituri globali tagħha. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta, kmieni fl-2023, strateġija fil-livell tal-UE biex tingħata spinta lill-kompetittività u l-produttività.

III. SIGURTÀ U DIFIŻA

23. F'konformità ma' konklużjonijiet reċenti tal-Kunsill Ewropew u skont deċiżjonijiet preċedenti, l-Unjoni Ewropea qed terfa' aktar responsabbiltà għas-sigurtà tagħha stess u, fil-qasam tad-difiża, qed issegwi linja ta' azzjoni strateġika u ssaħħaħ il-kapaċità tagħha li taġixxi fuq bażi awtonoma. It-tiżiż tal-baży industrijali u teknoloġika tas-settur tad-difiża Ewropew ser jikkontribwixxi għal dan.
24. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza tar-rabta trans-Atlantika kif riflessa kemm fil-Boxxla Strateġika tal-UE kif ukoll fil-Kunċett Strateġiku tan-NATO.
25. Il-Kunsill Ewropew evalwa l-ħidma mwettqa biex jiġu implimentati l-konklużjonijiet preċedenti tiegħu, il-gwida mogħtija f'Versailles fl-10 u l-11 ta' Marzu 2022, il-Boxxla Strateġika kif ukoll is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-komunikazzjoni konġunta dwar "l-Analiżi tad-Diskrepanzi fl-Investimenti fid-Difiża u l-Approċ Futur". Din il-ħidma jeħtieġ li titthaffef. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew:
 - a) jappella lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jadottaw malajr l-Att dwar it-Tiżiż tal-Industrija tad-Difiża Ewropea permezz tal-Akkwist Komuni (EDIRPA);

- b) jappella lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija Ewropea għad-Difiża jintensifikaw l-isforzi li għaddejjin biex jidentifikaw il-ħtiġijiet u jiffaċilitaw u jikkoordinaw l-akkwist konġunt, b'mod partikolari għar-rikostituzzjoni tal-istokkijiet, speċjalment fid-dawl tal-appoġġ mogħti lill-Ukrajna;
- c) jappella lill-Kummissjoni biex malajr tippreżenta proposta għal Programm Ewropew għall-Investment fil-Qasam tad-Difiża biex jissaħħu l-kapaċità u r-reżiljenza tas-settur industrijali u tat-teknoloġija tad-difiża Ewropew, inkluż l-SMEs, u biex tneħħi l-lakuni strateġiċi u tnaqqas id-dipendenzi teknoloġiċi u industrijali;
- d) jappella biex titħaffef aktar l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' infrastruttura tal-mobbiltà militari, inkluż proġetti ta' infrastruttura b'użu doppju;
- e) itenni l-impenn li jsir investment fil-kapaċitajiet meħtieġa biex titwettaq il-firxa sħiħa ta' missjonijiet u operazzjonijiet, fosthom kapaċità ta' skjerament rapidu, u jappella lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ minn strumenti u oqfsa kollaborattivi għal dan l-għan;
- f) jappella għal investment f'faċilitaturi strateġiċi, bħaċ-ċibersigurtà u l-konnettività bbażata fl-ispazju, kif ukoll fir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika;
- g) jappella għal Politika b'saħħitha tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża, li tibni fuq il-komunikazzjoni konġunta reċenti tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli;
- h) jappella għall-implimentazzjoni rapida tas-Sett ta' Għodod tal-UE kontra Theddid Ibridu, biex b'hekk tissaħħa il-kapaċità tal-Unjoni li tiġġieled kontra theddid u kampanji ibridi b'mod effettiv;
- i) jappella biex id-dimensjoni ċivili tal-PSDK tissaħħa, bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Patt ġdid dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK sa Mejju 2023.

26. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-importanza tal-impenn tal-Unjoni li tappoġġa s-sħab tagħha fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża, speċjalment permezz ta' strumenti bħall-Faċilità Ewropew għall-Paċi u l-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK. Filwaqt li jtenni d-dimensjoni dinjija tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-qbil fil-Kunsill li jiżgura s-sostenibbiltà finanzjarja tagħha.

IV. VIĊINAT TAN-NOFSINHAR

27. Il-Kunsill Ewropew kellu diskussjoni strateġika dwar ir-relazzjonijiet mal-Viċinat tan-Nofsinhar.

V. RELAZZJONIJIET TRANS-ATLANTIČI

28. Il-Kunsill Ewropew kellu diskussjoni strateġika dwar ir-relazzjonijiet trans-Atlantiċi.

VI. PUNTI OĦRA

Kroazja

29. Il-Kunsill Ewropew jilqa' bi pjaċir id-dħul tal-Kroazja fiż-żona Schengen mill-1 ta' Jannar 2023.

Bożnija-Herzegovina

30. Il-Kunsill Ewropew japprova l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2022 dwar it-Tkabir u l-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni, u jaqbel li jagħti l-istatus ta' pajjiż kandidat lill-Bożnija-Herzegovina.

Iran

31. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Iran tat-12 ta' Diċembru 2022, il-Kunsill Ewropew jikkundanna bil-qawwa s-sentenzi reċenti ta' piena tal-mewt mogħtija u mwettqa fil-kuntest tal-protesti li għaddejjin fl-Iran. Jappella lill-awtoritajiet Iranjani biex itemmu minnufih din il-prattika u biex jannullaw mingħajr dewmien is-sentenzi reċenti. L-Unjoni Ewropea topponi bil-qawwa l-użu tal-piena tal-mewt f'kull ħin u fiċ-ċirkostanzi kollha, bħala każda inaċċettabbli tad-dinjità u l-integrità tal-bniedem. Il-Kunsill Ewropew itenni l-appell tiegħu lill-awtoritajiet Iranjani biex iwaqqfu l-użu inġustifikabbli tal-forza kontra dimostranti paċifiċi, b'mod partikolari kontra n-nisa.

*

* *

Il-Kunsill Ewropew ifakkar fid-determinazzjoni tal-Unjoni Ewropea li jiġu implimentati kemm il-Pilastru 1 kif ukoll il-Pilastru 2 kif maqbul f'Ottubru 2021 u jappella lill-Kummissjoni biex timmonitorja n-negozjati li għaddejjin tal-konvenzjoni multilaterali dwar il-Pilastru 1 u biex tressaq, jekk adatt, proposta sa tmiem l-2023 f'każ ta' nuqqas ta' qbil dwar soluzzjoni tal-Pilastru 1.
